

Brussell, 14 ta' Settembru 2021
(OR. en)

10932/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0217 (NLE)

AELE 50
EEE 34
N 73
ISL 29
FL 29
MI 577
BUDGET 24
POLARM 10
POLMIL 122
RECH 358

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT li temenda l-Protokoll
31 tal-Ftehim ŻEE dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba'
libertajiet

ABBOZZ

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru ...

ta' ...

**li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE
dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim ŻEE'), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Huwa xieraq li titkompla l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE f'attivitajiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tal-Azzjoni Preparatorja fuq ir-Riċerka Dwar id-Difiża.
- (2) Huwa xieraq li dik il-kooperazzjoni tkompli wara l-31 ta' Diċembru 2020, irrispettivament minn meta din id-Deċiżjoni tkun adottata jew jekk it-twettiq tar-rekwiżiti kostituzzjonali għal din id-Deċiżjoni, jekk ikun hemm, jiġix innotifikat wara l-10 ta' Lulju 2021.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat biex din il-kooperazzjoni estiża tkun tista' sseħħ mill-1 ta' Jannar 2021,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-paragrafu li ġej jiżdied fl-Artikolu 1 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE:

- “14. (a) L-Istati tal-EFTA għandhom, mill-1 ta' Jannar 2021, jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Unjoni relatati mal-linja baġitarja li ġejja, imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021:
- **Linja baġitarja PA 13 17 01:** “Azzjoni preparatorja fuq ir-riċerka dwar id-difiża”.
- (b) L-Istati tal-EFTA għandhom jikkontribwixxu finanzjarjament għall-attivitajiet imsemmija fil-punt (a) skont l-Artikolu 82(1)(a) tal-Ftehim.
- (c) L-Iżlanda u l-Liechtenstein ma għandhomx jipparteċipaw f'dik l-azzjoni preparatorja, u ma għandhomx jikkontribwixxu finanzjarjament għall-attivitajiet imsemmija fil-punt (a).”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE*.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

* [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Hemm indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, [...].

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

[...]

Is-Segretarji

Tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

[...]

Dikjarazzjoni mill-Istati tal-EFTA

għad-Deċiżjoni Nru [...] li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE biex titkompla l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti fl-azzjoni preparatorja tal-Unjoni fuq ir-riċerka dwar id-difiża

[għall-adozzjoni mad-Deċiżjoni u għall-pubblikazzjoni fil-ĠU]

Din id-Deċiżjoni testendi l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti biex titkompla l-parteciċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA fl-azzjoni preparatorja tal-Unjoni fuq ir-riċerka dwar id-difiża. L-Istati tal-EFTA jqisu li kwistjonijiet ta' difiża jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim taż-ŻEE, u li għalhekk l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim taż-ŻEE biex jinkludi kwistjonijiet ta' difiża lil hinn mill-parteciċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA f' dik l-azzjoni preparatorja. L-Istati tal-EFTA jisħqu wkoll li l-Iżlanda u l-Liechtenstein ma għandhomx jipparteciċipaw f' dik l-azzjoni preparatorja u ma għandhomx jikkontribwixxu finanzjarjament għaliha.